MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 512/2013

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 13 ta' Marzu 2014**

Rikors Nru. 512/13RGM

Kawza fil-lista: 25

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-14 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenuta ddikjarat li ma topponix permezz ta' nota pprezentata fis-6 ta' Dicembru 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' April 2004, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Liza Schembri fis-7 ta' Awwissu 2012 izda ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba' snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------